MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta ta' l-4 ta' Dicembru, 2013

Numru. 397/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Robert Said Sarreo)**

**vs.**

**Paulu Barun**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Paulu Barun**, ta' sebgha u hamsin (57) sena, iben John u Maria neé Bonello, imwieled Zabbar nhar il-10 ta' Ottubru 1954, residenti 23, Casa Escurial, Triq l-Ghadiba, Zabbar u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 778354(M), akkuzat talli:

1. nhar il-5 ta' Mejju 2011 ghall-habta tal-16:20hrs, gewwa Triq Hadd in-Nies, Zabbar hebb ghal Daniel Vella, detentur tal-Karta tal-Identita bin-Numru 380884(M) u

kkagunalu griehi ta' natura gravi *per durata* skont ma iccertifika Dr. Daniel Sammut mill-Isptar St. James;

2. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi hebb ghal Catherina Vella, detentrici tal-Karta tal-Identita bin-Numru 512155(M) u kkagunalha griehi ta' natura hafifa skont ma iccertifika Dr. S. Caruana mic-Centru tas-Sahha ta' Rahal Gdid;

3. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tapplika wkoll l-Artikoli 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 58) datata 17 ta' Dicembru 2012 li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

(a) Artikoli 214, 215 u 216 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) Artikoli 214, 215 u 221 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) Artikolu 338(dd) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(d) Artikoli 383, 384 u 385 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(e) Artikoli 17, 31 u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi, waqt l-udjenza tat-13 ta' Mejju 2013 (*a fol.* 69), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fis-17 ta' Dicembru 2012, f'liema seduta l-imputat ddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Semghet lix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Semghet lill-imputat jixhed minn jeddu u b'mod volontarju. Semghet it-trattazzjoni da parti tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza (*a fol.* 76 *et seq.*)

**Ikkunsidrat**

Illi, fis-seduta tal-21 ta' Mejju 2012, xehed l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Robert Said Sarreo** (*a fol.* 18 *et seq.*) rigward l-investigazzjonijiet redatti minnu. Ezebixxa numru ta' dokumenti waqt id-depozizzjoni moghtija minnu.

Illi, fis-seduta tal-21 ta' Mejju 2012, xehed ukoll **Daniel Vella** (*a fol.* 20 *et seq.*) fejn spjega li fil-5 ta' Mejju 2011 kien flimkien ma' ommu, il-parte leza l-ohra, fil-vettura u minn triq laterali, fit-tarf ta' liema hemm *Stop Sign*, hareg l-imputat bil-vettura tieghu minghajr ma hares u l-imputat spicca quddiemu. Jispjega li l-imputat beda jirriversja u beda sejjer ghal fuqu, f'liema hin hu (Vella) kien wieqaf u x'hin daqqlu l-*horn*, l-imputat qallu: *"jiena kemm indawwar"* (*a fol.* 22), u Vella qallu: *"ghandek stop sign tibqa' hiereg hekk"* (*a fol.* 22), f'liema hin l-imputat kellmu hazin. Jispjega li baqghu fil-vettura u li f'hin minnhom nizlet ommu mill-vettura biex *"tikkalma s-sitwazzjoni"* (*a fol.* 22), pero jghid li l-imputat beda jkeddha u li ma cediex u hu (Vella) nizel mill-vettura, ommu bdiet tirtrieghed, beda jigbidha lejn il-vettura, nizel l-imputat u mar bil-girja fuqu (l-imputat fuq Vella) u spiccaw fl-idejn. Jghid li hu spicca mal-art bl-imputat gharkubtejh fuqu. Ikkonferma li sofra l-griehi li jidhru f'ritratti Dok. "RSS 3" sa "RSS 5" (*a fol.* 17). Jghid li l-griehi li sofra baqghu permanenti.

In <u>kontro-ezami</u> kkonferma li l-imputat kien qallu li ried jaghmel *roundabout turn*. Ikkonferma li l-imputat qallu biex jirriversjalu halli jkun jista' jdawwar. Jghid li ma ghamilx dak li qallu l-imputat ghax hu (Vella) ma kien qed jikser l-ebda ligi. Jghid: *"hu nfaqa jidghi, jien dan il-hin la naf li kelli ragun zbaljajt u nfqajt nidghi jien ukoll"* (*a fol.* 25). Jghid li l-kliem li qal l-imputat, qalu fil-konfront tieghu biss (ta' Vella). Jghid li ommu ppruvat tikkalma s-sitwazzjoni. Mistoqsi kif spiccaw fl-idejn, jghid: *"Ifhem dak*

*il-hin ma niftakarx ezatt. Ghax umbaghad insib ruhi mal-art jiena"* (*a fol.* 26).

Illi, fis-seduta tal-21 ta' Mejju 2012, xehed ukoll **PS 1593 Alfred Cachia** (*a fol.* 28 *et seq.*) rigward ir-rapport mhejji minnu (Dok. "RSS 1" – *a fol.* 13 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tat-2 ta' Lulju 2012, xehed **Dr. Daniel Sammut** (*a fol.* 33) rigward ic-certifikat (Dok. "RSS 2" – *a fol.* 16) rilaxxat minnu. Jghid li ra lill-parti leza Daniel Vella fid-29 ta' Frar 2012 u ra li kellu tliet sinjali f'wiccu u qal: *"Allura jien kkonkludejt li la dan minn Mejju sakemm rajtu jiena fi Frar kienu ghadhom immarkati li dawn ha jibqghu hemmhekk ghax generalment scar iddum sitt xhur biex tingibed u biex ticcara. U dawn kienu ghadhom jidhru car sew"* (*a fol.* 33).

Illi, fis-seduta tat-30 ta' Lulju 2012, xehdet **Catherine Vella** (*a fol.* 40 *et seq.*) fejn qalet li kienet ma' binha l-parti leza l-iehor fil-vettura u kienu sejrin jaraw lir-ragel taghha l-isptar u f'hin minnhom hareg l-imputat bil-vettura tieghu minn triq laterali u li l-imputat ma riedx isuq biex jibqghu ghaddejjin u hi nizlet mill-vettura ghax kien sarilhom il-hin u qaltlu biex isuq pero l-imputat ma riedx u baqa' ma saqx. Tghid li dan il-hin l-imputat kien ghadu fil-vettura u ma riedx isuq. Tghid ukoll: *"U jiena bdejt nibza' ghax kien irrabjat u beda jidghi"* (*a fol.* 41). Tispjega li binha Daniel kien ghadu fil-vettura sa dal-hin u f'hin minnhom nizel binha mill-vettura biex jehodha fil-vettura u hareg l-imputat mill-vettura tieghu u xehet lil binha mal-art u nizel gharkubtejh fuq l-istonku ta' binha u beda jaghtih daqqiet (l-imputat lil binha). Tghid ukoll: *"qabad duffrejh u beda jigriflu wiccu"* (*a fol.* 41). Tghid li giet bint l-imputat biex tqajjem lill-imputat minn fuq binha. Rat ir-ritratti Dok. "RSS 3" sa "RSS 5" (*a fol.* 17) u kkonfermat li binha sofra dawn il-griehi. Tghid li hi pruvat tferraq lil binha u lill-imputat. Tghid li spiccat mal-art ukoll.

In <u>kontro-ezami</u> tghid li anke binha beda jidghi ftit ukoll pero tishaq li l-imputat beda jidghi l-ewwel. Tikkonferma li l-imputat ried idawwar il-vettura tieghu kontra l-ligi. Tghid li l-imputat ma riedx icaqlaq il-vettura tieghu bl-ebda mod.

Tikkonferma li binha Daniel ma riedx icedi lill-imputat biex ikun jista' jaghmel il-manuvra li ried jaghmel. Tghid: *"Imma t-tifel bilfors kellu jieqaf ghax li kieku bqajna ghaddejjin konna nidhlu go fih hux"* (*a fol.* 44). Taqbel li l-imputat ma nizilx ghaliha. Tghid li bil-biza ghaddiet l-awrina. Tghid li hekk kif hareg ghaliha binha mill-vettura, hareg l-imputat mill-vettura ghal binha.

Illi, fis-seduta tad-19 ta' Novembru 2012, xehdet **Dr. Maria Stella Caruana** (*a fol.* 55 *et seq.*) fejn qalet li kienet rat li z-zewg parti leza dakinhar tal-akkadut. Tghid li Daniel Vella kellu grif fuq wiccu u tbengil fuq in-naha ta' wara ta' fuq id-dahar u tispjega li l-griehi tieghu kienu: *"griehi ta' natura hafifa salv komplikazzjonijiet"* (*a fol.* 55). Tixhed ukoll li Catherine Vella sofriet minn tbengil u brix fil-minkeb u tbengil fuq id-denb tas-sinsla u kklasiffikat il-griehi bhala: *"griehi ta' natura hafifa salv komplikazzjonijiet"* (*a fol.* 56).

In <u>kontro-ezami</u> tghid li s-Sinjuri Vella ma regghetx rathom.

Illi, fis-seduta tal-21 ta' Marzu 2013, xehdet **Priscilla Gialanze** (*a fol.* 67 *et seq.*) fejn qalet li hija bint l-imputat u ma kienitx prezenti meta sehh l-akkadut u lanqas ratu jsehh. Tichad li marret fi tmiem il-glieda.

Illi, fis-seduta tat-13 ta' Mejju 2013, xehed **l-imputat Paulu Barun** (*a fol.* 70 *et seq.*) fejn qal li dakinhar tal-akkadut kien wahdu fil-vettura tieghu u kien sejjer biex jipparkja u ma setghax idur ghax gew Vella warajh bil-vettura u jghid li beda jrossu. Jghid: *"Jiena kwazi kont diga dort, u hu rassni, u t-triq jigifieri ma tantx hija wiesa', mhix xi bypass […], ma tantx tintuza, jien tlqatilha lura l-karozza ergajt biex nigi u hu baqa' jrossni hekk u ma hallienix indur. U nizlet ommu u nizel hu wkoll"* (*a fol.* 71). Jghid li Daniel Vella beda jkellmu hazin u omm Vella qalet li kienet ser tghaddi l-awrina. Jghid: *"Jiena ma stajtx insuq, la 'l hemm u lanqas 'l hawn ma stajtx insuq bil-bankina, ma riedx jerga' lura hu. Umbaghad qaltli ha jtini hass hazin, ghamilt tahti, u nizel ghalija hu, ried jiggieled mieghi bilfors. Beda jkellimni hazin […]. Umbaghad inzilt*

*mill-bieba l-oħra […] għax baqa' jinsisti biex jiġġieled miegħi u jien ngħidlu mur ġib rispett 'l ommok. U ġie bil-girja fuqi huwa, […] u tfajtu taħti jien, u lanqas tajtu bil-ponn jiġifieri ta', kemm żammejtu taħti"* (*a fol.* 71). Jgħid li omm Daniel Vella waqgħet b'ħass ħażin mal-art.

In <u>kontro-eżami</u> jikkonferma li Vella kienu neżlin fid-dritta tagħhom. Jgħid li lil Vella qalbu biss. Jgħid li qabad lil Vella minn wiċċu u żammu minn wiċċu. Jgħid li hu (l-imputat) kellu naqra girfa u spiċċa bil-flokk imqatta. Jgħid li Vella beda jistiednu għal glied. Jgħid li sakemm Vella niżel mill-vettura, omm Vella bdiet tgħidlu li kienet ser tgħaddi l-awrina. Jgħid: *"Hu ried jiġġieled bilfors, bdejt ngħidlu mur ġib rispett lil ommok, għax 'l ommu nafha tiġi l-ħanut jien, bdejt ngħidlu mur ġib rispett 'l ommok, ma ridtx niġġieled miegħu jien, u hu ried jiġġieled miegħi bilfors"* (*a fol.* 73)

**Ikkunsidrat**

Illi mill-provi prodotti jirriżulta li dak li ġara dakinhar tal-5 ta' Mejju 2011 seħħ minħabba li l-imputat baqa' fil-vettura tiegħu jostakola t-triq li minnha kien għaddej Vella għax Vella ma riedx jirriversja sabiex l-imputat ikun jista' jagħmel manuvra illegali. Kien biss wara li omm Daniel Vella marret viċin l-imputat li kien fil-vettura u wara li Daniel Vella ħareġ mill-vettura biex imur ħdejn ommu li l-imputat spiċċa ħareġ mill-vettura. Filwaqt li Daniel Vella jgħid li kien l-imputat li mar bil-girja għal fuqu, liema ħaġa hija konfermata minn ommu, l-imputat jgħid li Daniel Vella beda jistiednu għall-glied tant li jgħid li Daniel Vella mar bil-girja fuqu u li hu (l-imputat) kemm żamm lil Daniel Vella u anqas tah bil-ponn.

**Ikkunsidrat**

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef** mogħtija fit-2 ta' Frar 2012, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk:

"Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qegħdin jagħtu verżjoni differenti minn oħrajn illi

xehdu qabel. B'daqsekk ma jfissirx illi ghax hemm xhieda differenti bil-fors hemm konflitt li ghandha twassal ghal liberatorja. Fil-kawza **Pulizija vs. Joseph Thorn** deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-9 ta' Lulju 2003, il-Qorti qalet *'... mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti f'kaz ta' konflitt ta' provi, trid tevalwa il-provi skond il-kriterji annuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kap. 9 u tasal ghal konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex trid temmen jew ma temminx'* (ara wkoll **Repubblika ta' Malta vs. Dennis Pandolfino** 19 t' Ottubru 2006)."

(Ara wkoll **Il-Pulizija vs. Patrick Mangion et** (deciza fis-17 ta' Settembru 2012), **Il-Pulizija vs. Michele sive Michael Fenech** (deciza fis-17 ta' Settembru 2012), **Il-Pulizija vs. Mohammed Mansur Ali** (deciza fl-24 ta' Jannar 2013), **Il-Pulizija vs. Mario Pace** (deciza fis-6 ta' Frar 2013) u **Il-Pulizija vs. Hubert Gatt** (deciza fil-11 ta' Lulju 2013).

Illi din il-Qorti hija f'pozizzjoni ferm aktar favorevoli minn Qrati ohra meta tigi biex taghmel apprezzament tax-xhieda u dan ghaliex ghexet il-process kollu tul medda ta' zmien u ghalhekk kienet f'pozizzjoni, wara li semghet x-xhieda kollha jixhdu *viva-voce* quddiemha, tezamina l-imgieba u l-komportament taghhom *stante* li kienet hi stess li kkonstatathom x'interess setgha kellu xi xhud f'dak li xehed u jekk dak li qal kellux mis-sewwa jew le.

Illi din il-Qorti ghamlet l-ezercizzju li ssemmi l-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef** imsemmija hawn fuq u serenament tasal ghal konkluzjoni illi x-xiehda moghtija mill-parti leza hija aktar kredibbli. Il-Qorti tasal ghal din il-konkluzjoni wara li rat il-komportament tal-parti leza u tal-imputat fuq il-pedana tax-xhud, u dak li huma xehdu.

**Ikkunsidrat**

**<u>L-Ewwel (1) Imputazzjoni –</u>**
**<u>(Feriti ta' Natura Gravi fil-konfront ta' Daniel Vella</u>:**

Illi fid-decizjoni moghtija fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Generoso Sammut** deciza fit-2 ta' Awwissu 1999. Il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet is-segwenti dwar l-offiza fuq il-persuna:

"Hi żbaljata l-idea, spis ventilata, li biex issir il-prova skont il-Liġi u sal-grad li trid il-Liġi ta' offiża fuq il-persuna hemm bżonn ta' ċertifikat mediku jew tad-depożizzjoni ta' tabib. Tali ċertifikat jew depożizzjoni jistgħu jkunu meħtieġa jekk mid-depożizzjoni ta' xhieda oħra, inklużi l-parti offiża, jibqala' xi dubju reġonevoli dwar jekk verament kienx hemm offiża fuq il-persuna u jew tat-tip jew natura ta' dik l-offiża".

Illi fid-decizjoni moghtija fit-30 ta' Lulju 2004, fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Azzopardi**, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

"Il-kwistjoni ta' jekk offiza hiex wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda ta' fatt u ghalhekk rimessa ghall-gudikant tal-fatt (fil-kaz ta' guri, ghalhekk, rimessa f'idejn il-gurati; fil-kaz odjern rimessa f'idejn il-gudikant ta' l-ewwel grad…). Ma hix, ghalhekk, kwistjoni, li tiddependi necessarjament jew esklussivament fuq "opinjoni medika". It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bhala fatt; u, jekk il-qorti tippermettilhom, jistghu joffru l-opinjoni taghhom dwar, fost affarijiet ohra, kif setghet giet ikkagunata dik l-offiza, jew ma' xhiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu gew klinikament riskontrati. Ikun jispetta mbaghad ghall-gudikant tal-fatt li, fid-dawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib izda fid-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiza".

Illi m'hemmx dubju li mill-provi akkwiziti jirrizulta li l-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement pruvata. Fin-nota tar-rinviju ghal-gudizzju, l-Avukat Generali jelenka, fost l-ohrajn, Artikoli 214, 215 u 216 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti taghmel riferenza ghax-xhieda moghtija minn Dr. Maria Stella Caruana (*a fol.* 55 *et seq.*) u kif ukoll, b'mod partikolari, ghal dik moghtija minn Dr. Daniel Sammut (*a*

*fol.* 33) f'dawn il-proceduri u ghac-certifikat mediku (Dok. “RSS 2” – *a fol.* 16) rilaxxat minnu fid-29 ta' Frar 2012 (cioé aktar minn disa' xhur wara l-akkadut) fejn inghad hekk: *“These areas of pigmentation are in perfect agreement as regards site and size with areas of abrasion documented on photography on 5/5/2011. Therefore, it is reasonable to conclude that they are permanent marks from his injury on 5/5/2011”*. Il-Qorti taghmel riferenza wkoll: (a) ghall-kwotazzjonijiet mid-depozizzjoni tieghu ndikati aktar qabel f'din is-sentenza, (b) ghax-xiehda moghtija minn Daniel Vella (*a fol.* 20 *et seq.*) u (c) ghar-ritratti Dok. “RSS 3” sa “RSS 5” (*a fol.* 17).

Illi jirrizulta sodisfacentement pruvat dak provdut taht Artikolu 216(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u b'hekk l-imputat ser jigi misjub hati li kkawza griehi ta' natura gravi fil-konfront ta' Daniel Vella taht dan l-Artikolu.

**It-Tieni (2) Imputazzjoni**
**(Feriti ta' Natura Hafifa fil-konfront ta' Catherina Vella):**
Illi Dr. Maria Stella Caruana (*a fol.* 55 *et seq.*) tghid li Catherina Vella sofriet minn tbengil u brix fil-minkeb u tbengil fuq id-denb tas-sinsla. Hija kklassifikat il-griehi minn Catherina Vella bhala: *“griehi ta' natura hafifa salv komplikazzjonijiet”* (*a fol.* 56). M'hemmx dubju li anke din l-imputazzjoni giet sodisfacentement pruvata.

**It-Tielet (3) Imputazzjoni –**
**(Ksur tal-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied)**:
Illi, fir-rigward ta' din l-imputazzjoni, il-Qorti ser timxi ma' gurisprudenza kostanti li kontravenzjoni taht l-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta hija dik li fil-Ligi Ingliża hija *‘a breach of public peace’*. Dan ifisser li persuni ohra jkunu beżghu ghall-inkolumita' taghhom waqt l-incident. M'hemmx dubju li dan jirrizulta fil-kaz odjern u ghaldaqstant l-imputat ser jigi misjub hati tat-tielet (3) imputazzjoni wkoll.

**Ikkunsidrat**

Illi huma l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfont tal-imputat li gew sodisfacentment pruvati.

Illi, qabel il-Qorti tghaddi biex taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha rigward il-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti tinnota li l-imputat ma jistghax jinvoka l-provokazzjoni f'dan il-kaz. Riferenza ghandha ssir ghad-decizjoni moghtija fil-15 ta' Ottubru 2007 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. David Sant** fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

*"Hu ovvju wkoll li mhux kull minn jinvoka l-provokazzjoni neccessarjament tigi akkordata lilu din l-iskuzanti, ghax il-qorti trid tiehu wkoll in konsiderazzjoni r-regoli stabbiliti mill-gurisprudenza […] bhal, per ezempju l-kaz fejn l-imputat jew akkuzat ikun huwa stess fittex li "jigi provokat" biex ikun jista' jinvoka l-provokazzjoni".*

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti hasbet fit-tul rigward il-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat. Il-Qorti tinnota li l-atteggjament tal-imputat fil-konfront tal-parti leza kien wiehed li setgha jigi evitat. L-attakk tal-imputat fuq Catherina Vella u Daniel Vella huwa ta' min jistmerru u dana jghodd anke kieku, ghall-grazzja tal-argument, kellu ragun f'dak li kien qed jitlob lil Daniel Vella biex jaghmel qabel sehh l-argument in kwistjoni. Il-Qorti ma taqbilx mad-difiza meta fit-trattazzjoni taghha (*a fol.* 77) tghid li dan *"mhux xi kaz kbir ta' barra minn hawn"*. Dak li gara setgha kellu konsegwenzi ferm aktar serji! Il-vjolenza qatt m'ghandha tigi tollerata. Il-Qorti setghet kienet propensa li tapplika xi provvediment taht il-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta kieku, ghall-grazzja tal-argument, kienet giet registrata ammissjoni da parte tal-imputat fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri u kieku l-imputat skuza ruhu u kien lest li jaghmel tajjeb, b'xi mod jew iehor, ghal dak kagunat minnu fil-konfront tal-parti leza u kieku l-parti leza kienu jkunu lesti li jirrinunzjaw ghal dak li huwa rinunzjabbli, pero l-Qorti thoss li ladarba l-proceduri ta' dan il-kaz wasslu sa hawn m'huwiex accettabbli li jigi applikat xi artikolu li jemergi mill-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghax

altrimenti tkun qed timminimizza dak li gara. Fl-istess waqt, il-Qorti ma tarax raguni valida ghala ghandha timponi piena ta' prigunerija effettiva fil-konfront tal-imputat. Minflok, il-Qorti hija tal-fehma li piena ta' prigunerija sospiza fil-konfront tal-imputat tkun aktar opportuna fic-cirkostanzi bil-ghan li l-imputat jifhem li dak li huwa ghamel dakinhar tal-5 ta' Mejju 2011 kien hazin hafna u ma jergghax jirrepetih.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli tal-Ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota tieghu tas-17 ta' Dicembru 2012 b'mod partikolari Artikoli 214, 215, 216(1)(b), 221(1) u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal perijodu ta' sena prigunerija li b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-istess Kapitolu 9 qed jigu sospizi ghal sentejn.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkometti reat iehor fi zmien sentejn.

Il-Qorti wara li rat Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, torbot lill-hati b'garanzija personali ta' elf Euro (€ 1000) ghal zmien sena millum fil-konfront ta' Daniel Vella u Catherina Vella.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------